

Appell ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2011 minn Timehouse GmbH kontra s-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Lulju 2011 fil-Kawża T-235/10 — Timehouse GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(**Kawża C-453/11 P**)

(2011/C 340/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Timehouse GmbH (rappreżentant: V. Knies, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tal-appellant

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla, fl-intier tagħha, is-sentenza tal-Qorti Ġeneral i tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Lulju 2011 fil-Kawża T-235/10, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-11 ta' Marzu 2010 fil-Każ R 0942/2009-1 u tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż;
- sussidjarjament, tannulla, fl-intier tagħha, is-sentenza tal-Qorti Ġeneral i tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Lulju 2011 (T-235/10), u tirrinvija l-proċeduri quddiem il-qorti tal-ewwel istanza għal-deċiżjoni fuq il-mertu, fid-dawl tal-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż tal-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Qorti Ġeneral i tal-Unjoni Ewropea ma applikatz b'mod tajjeb l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (¹) għall-evalwazzjoni tal-kriterju tal-karatru distintiv tad-dehra ġenerali tat-trade mark 7 378 888 għall-prodotti li jridu jiġu rreġistati "Ġojjelli, haġgar preżżjuż; strumenti li juru l-ħin u kronometriċi" billi sabiex tiġġiustifika d-deċiżjoni tagħha eżaminat biss in-nuqqas ta' karatru distintiv tal-komponenti individwali tat-trade mark. Permezz tal-konklużjoni (tal-allegat) nuqqas ta' karatru distintiv tal-komponenti individwali tat-trade mark firrigward tan-nuqqas ta' karatru distintiv tat-trade mark fid-dehra ġenerali tagħha, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq suppożiżzjoni/konklużjoni inammissibbli li l-komponenti individwali tat-trade mark ma kinux distinti u li dan seta' wkoll jirriżulta mill-kombinazzjoni tal-elementi tagħha ta' natura distinta. Barra minn hekk, id-deċiżjoni żabaljata tal-Bord tal-Appell għet ikkonfermata mill-Qorti Ġeneral i tal-Unjoni Ewropea, minkejja li t-trade mark għandha karatru distintiv.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mill-iStockholms tingsrätt (l-Isvezja) fit-2 ta' Settembru 2011 — Ulf Kazimierz Radziejewski vs Kronofogdemyndiġen i Stockholm

(**Kawża C-461/11**)

(2011/C 340/17)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinvija

Stockholms tingsrätt (l-Isvezja).

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ulf Kazimierz Radziejewski.

Konvenuta: Kronofogdemyndiġen i Stockholm.

Domanda preliminari

Ir-rekwiżit ta' residenza fl-Isvezja li jinasb fl-Artikolu 4 tal-iSkuldsaneringslagen (2006:548) (Ligu Nru 548 tal-2006 dwar il-ħelsien totali jew parżjali mid-dejn) jista' jitqies li huwa ta' natura li jipprekludi jew jiddiswadi ħaddiem milli jitlaq mill-Isvezja sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu u, għalhekk, li jmur kontra l-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni Ewropea stabbilit fl-Artikolu 45 TFUE?

Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Palermo — Sezione Distaccata di Bagheria (l-Italja) fis-7 ta' Settembru 2011 — Paola Gilioto vs Maria Guccione et

(**Kawża C-464/11**)

(2011/C 340/18)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinvija

Tribunale di Palermo — Sezione Distaccata di Bagheria

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Paola Gilioto

Konvenuti: Maria Guccione, Maria Piera Savona, Fabio Savona

Domandi preliminari

(1) L-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/52/KE (¹) fuq l-effikaċitā u l-kompetenza tal-medjatur jistgħu jiġi interpretati fis-sens li huma jeħtieġu mill-medjatur li huwa jkollu b'mod partikolari kompetenzi fil-qasam ġuridiku u li l-ghażi tiegħu, min-naħħa tal-persuna responsabbi mill-organizzazzjoni, isseħħi neċċessarjament fir-rigward tal-għarfien u esperjenzi professjonali speċifiċi fir-rigward tal-ġhan tad-disputa?